MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2000

Rikors Numru. 1790/2000/2

**Emilio Persiano**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-27 ta' Settembru, 2000, li fih, ghar-ragunijiet hemm imsemmija u a tenur tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, talab it-thassir ta' Ordni tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 2836/00 moghti kontra tieghu minn din il-Qorti fl-24 t'Awissu, 2000;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Settembru, 2000;

Rat it-twegiba ta' Emilio Persiano tal-4 t'Ottubru, 2000, li fiha cahad li jezistu ragunijiet ghat-thassir tal-imsemmi Mandat;

Rat id-digriet taghha tal-5 t'Ottubru, 2000;

Rat l-atti tac-Citazzjoni numru 1790/00 fl-ismijiet premessi u d-digriet kamerali tal-24 t'Awissu, 2000, moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-atti tar-Rikors numru 2836/00 li laqa' t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni imsemmi;

Semghet it-trattazzjoni tar-Rikors;

**Ikkunsidrat**:

Illi l-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jikkontempla ghadd ta’ cirkostanzi li fihom Mandat kawtelatorju jista jigi mhassar fuq talba tal-intimat. Dak l-artikolu japplika ghall-Mandati kawtelatorji kollha;

Illi, fir-rikors presenti, t-talba hi li l-Mandat jithassar ghal kollox u li r-ragunijiet li ghalihom ir-rikorrent qieghed jitlob it-thassir tal-Mandat huma (a) li l-Mandat m’ghadux fis-sehh u li skada; (b) li l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-Mandat ma jezistux, u li huwa nieqes minn basi legali u minn fondament guridiku; u (c) li l-Mandat ghandu jithassar ghax, fic-cirkostanzi, m’huwiex ragonevoli li jibqa’ fis-sehh jew m’huwiex mehtieg jew gustifikabbli;

Illi l-Mandat inhareg fl-24 t’Awissu, 2000, fuq talba ta’ Emilio Persiano biex iwaqqaf lir-rikorrent Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita’ tieghu ta’ Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni milli jkecci minn artna mara Marokkina, Rajaa Mukada, tqila b’tarbija li l-istess Persiano jghid li hija tieghu. Id-Degriet li laqa’ t-talba ghall-hrug tal-Mandat gie notifikat lill-partijiet fil-25 t’Awissu. Persiano ippresenta c-citazzjoni fil-31 t’Awissu, wara nofsinhar, jigifieri wara l-hin tal-gheluq tar-Registru u wara li ppresenta rikors ghall-ftuh mill-gdid tar-Registru;

Illi l-ligi tippreskrivi li r-rikorrent ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-Mandat fi zmien sitt ijiem mill-kunsinna tal-avviz tal-esekussjoni tal-Mandat lill-parti jew lill-avukat jew lill-prokuratur legali li tkun iffirmat ir-rikors jew fi zmien tnax-il jum wara l-hrug tal-mandat, skond liema
data tigi l-ewwel [art 843 (1) tal-Kap 12, abbinat mal-artikolu 875 li japplika ghall-Mandat ta’ Inibizzjoni]. Fin-nuqqas, l-effetti tal-mandat jintemmu u r-rikorrent ikun obbligat ghall-hlas tad-danni u

mghaxijiet. Iz-zmien imsemmi mil-ligi jista' jigi estiz b'kunsens mill-persuna li kontra taghha jkun inhareg il-Mandat liema kunsens irid jigi muri f'nota ppresntata fir-Registru;

Illi, dwar l-ewwel kawzali mrssqa fir-rikors presenti [taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 836 (1) (a)], ir-rikorrent Kummissarju tal-Pulizija jishaq li z-zmien utli li Persiano kellu biex jaghmel il-kawza kien jaghlaq mal-gheluq tar- Registru fil-31 t'Awissu, 2000, jigifieri f'nofsinhar, u li l-ftuh tar-Registru wara l-hinijiet legali biex jippresenta l-att tac-Citazzjoni ma swielu xejn ghax it-terminu legali utli kien lahaq ghalaq. Fit-twegiba tieghu, Persiano jichad li kien lahaq ghalaq iz-zmien prefiss mil-ligi ghaliex, a tenur tal-artikolu 103 tal-Kap 12, il-ligi bil-kelma "jum" tifhem jum ta' erbgha u ghoxrin siegha u mhux limitat ghall-hin tal-gheluq tar-Registru;

Illi l-Qorti tifhem li t-twettieq ta' termini legali u gudizzjarji fis-sistema procedurali huwa intiz biex jirregola l-esercizzju ta' jedd u ma jhallix lil min jaghmel abbuz minnu bi hsara tal-parti l-ohra: tali twettieq huwa ta' ordni pubbliku u ghalhekk ghandu jigi mifhum u mhares b'mod rigoruz. Kif inghad f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Spiteri vs Azzopardi [Kollez XVIII.i.18], *"...trattandosi di leggi di procedura che hanno per oggetto l'ordine pubblico mediante un convenzionalismo di forma, non si deve ragionevolmente ammettere altra interpretazione che la letterale, nel senso che ove la legge per produrre certi effetti prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non 'per equipollens'";*

Illi l-kwestjoni dwar jekk atti gudizzjarji ppresentati fl-ahhar jum preskritt mil-ligi, imma wara l-hin tal-gheluq tar-registru, ghandhomx jitqiesu bhala ppresentati fil-hin giet investigata u

trattata mill-Qrati taghna.  Fil-kawza maqtugha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Ricket* [Kollez LXXX.iv.321] dik il-Qorti, fuq is-sahha ta' decizjoni ohra precedenti, qalet li *"meta l-ligi tistabilixxi terminu li fih ghandu jigi presentat xi att – f'dan il-kaz rikors ta' appell – dak it-terminu jaghlaq fil-gurnata stabilita, fil-hin tal-gheluq tar-registru.  Il-procedura tal-ftuh tar-registru mhix intiza biex min ikun skadielu t-terminu ghall-presentata ta' xi att partikolari jestendi awtomatikament dak it-terminu b'terminu iehor, imma hija intiza biss biex f'kazijiet ta' urgenza li jkunu jirrikjedu azzjoni tempestiva da parti tal-Qorti, tali azzjoni tkun tista' tittiehed.  Kif inghad f'dik is-sentenza, "huwa assurd li wiehed jippretendi li din il-procedura tista' tintuza ukoll biex jigi ravvivat dak it-terminu li jkun diga' skada".";*

Illi bis-sahha tal-artikolu 520 (1) (d) tal-Kap 9, id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 relativi ghat-termini u qies ta' zmien ghandhom jghoddu ukoll ghall-qrati ta'  gurisdizzjoni kriminali;

Illi, min-naha l-ohra, il-hinijiet tal-ftuh tar-registru huma regolati u dettati minn htigijiet amministrattivi, u mhux essenzjalment minn xi precett oggettiv li, min-natura tieghu, ma jinbidilx.  Kemm hu hekk, id-differenza bejn il-hinijiet ta' ftuh u gheluq tar-registri tal-Qorti matul is-sena tissieheb mal-arrangamenti esistenti ghall-hinijiet tax-xoghol tal-impiegati fis-servizz civili. Fil-kaz partikolari, fil-jum li giet ippresentata c-Citazzjoni, jigifieri fil-31 t'Awissu, kien fis-sehh l-orarju tas-sajf u r-registru ghalaq f'nofsinhar.  Ic-citazzjoni giet ippresentata effettivament fil-31 t'Awissu, wara nofsinhar, u cioe' matul l-ahhar jum utli ghall-attur. L-istorja kienet tkun kompletament differenti kieku l-att gie ppresentat l-ghada;

Illi l-uniku provvediment tal-ligi li jorbot it-termini ta' zmien mal-gheluq tar-registru tal-qorti huwa l-artrikolu 104 li jispecifika li, fejn m'hemmx provdut mod iehor fil-ligi, iz-zmien ta' erbgha u ghoxrin siegha jaghlaq mal-hin tal-gheluq tar-registru tal-ghada. L-artikolu 875 tal-Kap 12 ma jikkwalifikax il-kelma "jum" b'mod differenti mit-tifsira moghtija fl-artikolu 103 li ma jaghmel l-ebda dikjarazzjoni fis-sens li "jum" jitqies mitmum mal-hin tal-gheluq tar-registru. Huwa ghalhekk li din il-Qorti ma thossx li tista' taqbel mal-premessa maghmula fis-sentenza appena msemmija li fil-hin tal-gheluq tar-registru ikun intemm ukoll il-jum ghall-effettiva presentata tal-att gudizzjarju;

Illi, minbarra dan, li kieku l-ftuh mill-gdid tar-registru wara l-hin tal-gheluq ghall-presentata tal-atti ma kellux effett li l-atti hekk prezentati jitqies li ddahhlu dak inhar stess, ma kien ikun hemm siwi ta' xejn ghal arrangament bhal dan, u zgur li d-disposizzjonijiet tal-*proviso* ghas-subartikolu (2) tal-artikolu 109 tal-Kap 12 kienu jkunu minghajr siwi;

Illi kif qalet din il-Qorti (diversament preseduta) fis-sentenza moghtija fl-24 ta' Marzu, 1995, fil-kawza fl-ismijiet *Onorevoli Prim Ministru vs Emmanuel Camilleri* [Citazz. 1253/94AM], imsemmija mill-intimat u li kopja taghha giet mehmuza ma' Nota fl-atti ta' dan ir-Rikors, "*…lanqas ma jista jinghad li effettivament hemm disposizzjoni fil-Kodici li tirregola l-presentata ta' atti gudizzjarji barra l-hinijiet legali fil-granet tax-xoghol, u konsegwentement, la ma hemmx regolamentazzjoni tal-procedura multa magis ma tistax tkun kontemplata xi nullita' f'kaz ta' irregolarita';*

Illi l-Qorti, wara li qieset fit-tul dwar din il-kawzali, tasal ghall-fehma li l-att ta' Citazzjoni gie ppresentat fiz-zmien moghti mil-ligi u li ghalhekk il-Mandat ma jistax jigi mhassar ghar-raguni li skada;

Illi dwar it-tlett motivi msemmija bhala s-sies tat-tieni kawzali tar-Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija, dawn jikkostitwixxu ghamla ta' appell mill-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti meta tat id-Degriet taghha li bih laqghet it-talba ta' Persiano ghall-hrug tal-Mandat. Il-Qorti tifhem li l-kwestjonijiet imqanqlin f'din il-kawzali jifformaw il-mertu tal-kawza innifisha, kif formulata fl-att tac-citazzjoni u kif tohrog car mid-difiza mressqa mir-rikorrent Kummissarju tal-Pulizija f'dik il-kawza. Ladarba dan hu hekk, il-Qorti ma thossx li l-procedura kontemplata fl-artikolu 836 hija mfassla biex tissostitwixxi l-proceddiment ordinarju tal-kawzi kif stabilit fl-artikoli 161 (1) u 164 (1) tal-Kodici. Ghalhekk, dwar din il-kawzali ukoll, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ma tistax tintlaqa';

Illi, fir-giward tat-tielet kawzali, din il-Qorti m'ghandhiex wisq xi tghid: ir-rikorrent ma ta l-ebda hjiel ghaliex jemmen li huwa irragonevoli li l-Mandat jibqa' fis-sehh. Ma jistax jinghad lanqas li z-zamma fis-sehh tieghu hija ta' hsara ghall-ordni pubbliku, billi l-persuna milquta bil-mandat hija kontinwament taht il-kontroll tar-rikorrent. Minbarra f'hekk, din il-Qorti tifhem li c-cirkostanzi li wasslu lill-Qorti (diversament preseduta) tiddekreta u tfisser ir-ragonevolezza tal-hrug tal-mandat baqghu ma nbidlux sallum. Ghalhekk, din il-kawzali ukoll m'hijiex fondata;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti **tichad it-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita' tieghu ta' Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni** ghat-thassir tal-mandat fuq riferit, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------